**_Ruling_ mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 192 tal-4 ta' Frar 2019 dwar punt imqajjem mill-Onor. Byron Camilleri fis-Seduta 191 tal-31 ta Jannar 2019 dwar korrispondenza riċevuta mill-Membri tal-Kamra**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor. Byron Camilleri fil-bidu tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 fir-rigward tal-korrispondenza mibgħuta mingħand Mamo TCV Advocates taħt is-suġġett '*State aid to International Hotel Investments p.l.c. (IHI) by the Government of Malta'*. Nikkwota:

> "**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Sur President, illum aħna l-Membri Parlamentari rċevejna ittra li tqassmet mill-uffiċjali tal-Parlament – jiġifieri kienet indirizzata lili mhux bħala Membru Parlamentari mhux fl-uffiċċju tiegħi jew id-dar tiegħi, iżda rċevejtha hawnhekk. Fost oħrajn hija ittra mingħand avukat li fost oħrajn ukoll qiegħed jgħid li qed jikteb f'isem konsorzju ta' *businessmen* Maltin. Aħna l-Membri ta' din il-Kamra li rċevejna din l-ittra m'għandniex il-mezz li nidentifikaw min hu dan il-konsorzju u għaldaqstant fid-dawl li tqassmet mill-uffiċjali tal-Parlament, ġewwa dan il-Parlament, qed nitolbu lis-Sedja sabiex tgħinna nidentifikaw min huwa dan il-konsorzju ta' *businesses* Maltin."

Hawnhekk is-Sedja rrispondiet hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Iva, għadduli l-ittra jekk jogħġobkom. Jidher li din tqassment mal-posta li nkunu rċevejna hawnhekk, iżda niċċekkjaw dwarha."

Is-Sedja tirrimarka b'mod immedjat li hija obbligata li tqassam lill-Membri Parlamentari dik il-korrispondenza kollha li tkun indirizzata lilhom u li tasal fil-bini tal-Parlament. Dan isir waqt li tkun għaddejja s-seduta mill-uffiċjali tal-Parlament bħal kif dejjem sar fil-passat.

Fl-intervent tiegħu l-Onor. Byron Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li f'din il-korrispondenza mibgħuta lill-Membri kollha tal-Kamra qed issir referenza għal konsorzju ta' *businesspersons* Maltin bl-isem ta' FORESITE, mingħajr ma huma identifikati min huma dawn il-persuni fil-kummerċ. Huwa talab l-għajnuna tas-Sedja f'dan ir-rigward.

Is-Sedja tixtieq tirrimarka li mhix il-mansjoni tagħha li tidħol fil-mertu tal-kontenut tal-korrispondenza personali li tintbagħat lill-Membri individwali fuq l-indirizz tal-Parlament, ovvjament dejjem, u din irrid nagħmilha ċara, sakemm dan ma jkunx jikkostitwixxi xi ksur ta' regolament tal-Kamra li jitqajjem bħala tali minn xi Membru tal-istess Kamra. Ikun f'dan il-każ illi l-identità tal-persuni li f'isimhom tkun intbagħtet il-korrispondenza tista' tkun bla dubju meqjusa bħala meħtieġa.

Kien għalhekk li s-Sedja, fir-rigward ta' din il-korrispondenza li milli jidher ma ntbagħtitx biss lill-Onor. Byron Camilleri iżda ntbagħtet lil Membri oħra tal-Kamra, għaddiet it-traskrizzjoni tat-talba tal-Onor. Byron Camilleri lil min bagħat il-korrispondenza, ċjoè Mamo TCV Advocates, fejn saret it-talba għall-informazzjoni mill-istess Onor. Membru fis-Seduta tal-31 ta' Jannar 2019.

Is-Sedja hawnhekk rat ukoll dak li jgħid l-*Erskine May, 24th Edition*, f'paġna 271 b'referenza għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura ta' meta tintbagħat ittra f'isem kostitwent jew meta Membru Parlamentari jirċievi ittra mingħand kostitwent, u nikkwota:

> *"Administrative action has been taken to preserve the liberty of the electorate in communicating with Members of Parliament. After a complaint had been made by a Member that a constituent's letter forwarded by him to a government department had been disclosed by the department to a third party who had threatened proceedings for libel, the Prime Minister stated that all departments had been reminded that they must exercise greater discretion as to the circumstances in which disclosure was appropriate. However, public authorities listed in sch 1 to the Freedom of Information Act 2000 have argued that they are required to apply the provisions of that Act to correspondence received from Members, including correspondence relating to constituents.*"

Is-Sedja tinnota wkoll li sakemm qed tagħti dan ir-*ruling*, il-korrispondenza mibgħuta mingħand Mamo TCV Advocates lill-Membri ta' din il-Kamra kienet diġà ħarġet fuq il-midja bħal pereżempju fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com ta' nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Frar 2019, fl-artiklu intitolat '*Anonymous businessmen protest Corinthia deal in letter to MPs*'. Is-Sedja tinnota li din il-korrispondenza ssemmiet ukoll fi stqarrija uffiċjali li ħareġ il-Gvern fl-istess ġurnata fejn il-Gvern spjega l-pożizzjoni tiegħu b'reazzjoni għal din l-ittra ta' dawn il-*businessmen* li baqgħu mhux identifikabbli u anonimi. Is-Sedja tinnota wkoll li l-istess storja dehret f'numru ta' *media sources* oħra fosthom fuq is-sit elettroniku www.newsbook.com.mt ftit wara l-istess Seduta tal-31 ta' Jannar, bit-titolu 'Aħna l-MPs irċevejna ittra minn avukat; ma nafux f'isem min'. F'dan l-artiklu qed jingħad li:

> "Il-*Whip* tal-Partit Laburista Byron Camilleri talab lill-Ispeaker Anġlu Farrugia jistħarreġ min kien wara li ntbagħtet lill-Membri Parlamentari."

Is-Sedja tħoss li anke b'referenza għal dan kollu, ladarba l-korrispondenza saret pubblika b'mod immedjat mill-midja u ladarba anke l-Gvern ippubblika r-reazzjoni tiegħu, is-Sedja qiegħda tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-korrispondenza li ntbagħtet mingħand Mamo TCV Advocates u li saret referenza għaliha mill-Onor. Byron Camilleri meta talab informazzjoni dwar il-persuni wara l-konsorju FORESITE, kif ukoll it-tweġiba li ngħatat s'issa mingħand Mamo TCV Advocates għat-talba li saret mill-Onor. Camilleri kif mgħoddija mis-Sedja.

Is-Sedja tixtieq iżżid li għalkemm mhuwiex rakkomandabbli li ittra tintbagħat minn avukat mingħajr ma l-persuni li qiegħed jirrappreżenta jkunu identifikati - u dan biex ikun hemm aktar kontabilità dwar dak li jkun qed jingħad u anke għall-veraċità tal-*più o meno* eżistenza ta' persuna jew persuni li effettivament għan-nom tagħhom tkun qed issir rappreżentazzjoni ma' Membru tal-Kamra - is-Sedja, fiċ-ċirkostanzi kif żviluppaw dwar dan il-każ, fejn ladarba fuq dak li talab l-Onor. Byron Camilleri kien hemm ir-reazzjoni tal-Gvern, u ladarba l-persuni tal-konsorzju, hekk indikati bħala FORESITE, għadhom mhumiex idenfitikabbli, u dan kif joħroġ mill-korrispondenza tal-istess Mamo TCV Advocates li permezz tal-Avukat li ffirma l-ittra ħassew li għandhom iżommu ferm milli jidentifikaw il-persuni għal raġunijiet professjonali u dan billi indikaw li f'dan l-istadju mhumiex awtorizzati mill-klijenti tagħhom sabiex jagħtu l-informazzjoni mitluba, is-Sedja tħoss li għandha tieqaf hawnhekk.

Is-Sedja tixtieq tirrepeti dak li diġà qalet aktar qabel u ċjoè li hija m'għandha l-ebda mansjoni li tivverfika jew tagħmel aċċertazzjonijiet dwar il-kontenut ta' korrispondenza privata li jirċievu l-Membri Parlamentari fil-bini tal-Parlament dejjem sakemm dan ma jkunx jikkostitwixxi xi ksur ta' xi regolament tal-Kamra u li tali ksur jinġieb għall-attenzjoni tas-Sedja mill-istess Membri tal-Kamra.

Min-naħa l-oħra s-Sedja tara li meta l-materja tiġi dibattuta quddiem kumitat parlamentari jew f'xi seduta parlamentari, hemmhekk imbagħad wieħed jista' jiddibatti dak li qiegħed jintalab mill-Onor. Byron Camilleri fir-rigward tal-ittra inkwistjoni.

Ir-*ruling* huwa deċiż.